**Tislima lil San Franġisk**

Missier, għadni kemm smajt fuqek
Bik inħossni ferħan la ma rridx nemmen,
Possibbli li jekk jien bħalek
Nazzarda mqar nagħti l-ewwel pass w nemmen;

Jinfetħu quddiemi dehriet
Li qalbi żgur li qatt ma tkun intebħet,
Bihom nista' nara ixqfa
Fejn ruħi mhux li kien bihom itrebħet.

Ma nafx missieri hekk twajjeb
Imma r-regola tiegħek misset 'l qalbi,
Ma' wiċċi gelgel bosta dmugħ
Abbli fl-aħħar il-Mulej sama' talbi.

Niġi ħdejk missieri fl-irtir
Nistaqsik biżibilju mistoqsijiet,
Ngħid li tweġibli ftit minnhom
Għaliex doni int għandek li bil-mijiet.

F'dal-jiem hekk fis-sliem u l-paċi
Nitolbok biss li tqabbadli l-magħruf nar,
Lilu Franġisku jien irrid
Kemm hu ħelu, qawwi, duwa għall-imrar.

Sabiħ wisq l-ispirtu tiegħek
Jagħtini ferħ ta' ġenn li noqgħod miegħi,
O Franġisku ferħ tal-għaġeb
X'għaqal fik meta għażiltek kumpann tiegħi.

Mexxini mhux biss dil-ġimgħa
Imma nitolbok issa w ħajti kollha,
Imbierek min jagħtik ir-riħ
Għax int tgħinu jiċċekken ħa jitgħolla.

Għalhekk nintasab hawn f'riġlejk
F'dan l-ordni kbir tiegħek jien biss ċellola,
Agħlimni Missier f'dil-ġimgħa
Kif ngħix fid-dinja tal-lum ir-regola.

Patri Mario Attard OFM Cap
14 ta' Ottubru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.